GĦAQDA KAŻINI TAL-BANDA

64, Triq Ġ. M. Camilleri, Ħamrun ĦMR 1180

Email: secretary@maltaband.org Tel: 27110669 VO/0055

4 ta' Ġunju 2021

Għażiż Segretarju,

**Direttivi Covid 19**

Kif jaf kulħadd, il-Bottegini tal-Każini jistgħu jiftħu minn nhar il-Ħadd 6 ta' Ġunju 2021.

Id-direttivi tal-Awtoritajiet tas-Saħħa jinsabu fuq is-sit tal-Ministeru tas-Saħħa https://deputyprimeminister.gov.mt/en/health-promotion/covid-19/Pages/mitigation-conditions-and-guidances.aspx

Minn dawn id-direttivi infurmati li

- il-Bottegin tal-Każin jista' jibqa' miftuħ sa mhux aktar tard minn nofs il-lejl,
- ħadd ma jista' joqgħod mal-bar u/jew jiġi servut mal-bar
- sakemm ma jkunx qed jiekol jew jixrob wieħed għandu jibqa' bil-maskra jew visor u kull darba li jqum minn mal-mejda
- min imexxi l-bottegin irid jieħu l-ordnijiet tal-klijenti mal-mejda
- min iservi u min ikun wara l-bar u fil-kċina irid ikun bil-maskra jew visor il-ħin kollu
- irid ikun hemm distanza ta' 2 metri bejn l-imwejjed
- 4 persuni biss jistgħu joqgħodu ma' mejda iżda mit-Tnejn 7 ta' Ġunju 2021 ikunu jistgħu joqgħodu sa massimu ta' 6 persuni ma' mejda
- ikel u xorb ma jistax jinqasam bejn persuni li jkun hemm fuq il-mejda
- irid isir sanitising tal-idejn
- attivitajiet tal-massa huma projbiti
- infurmati li mhux permess li jitpoġġew imwejjed fuq il-bankina jew fi triq.

Inħeġġu li kulħadd ikun responsabbli u jsegwi id-direttivi li jkunu fis-seħħ.

Infakkru li r-responsabiltà tal-osservanza tad-direttivi hija tas-Segretarju u ta' min imexxi l-Bottegin.

Filwaqt li nittamaw fil-koperazzjoni ta' kulħadd nawguraw li jkollna serħan ir-ras tas-saħħa ta' kulħadd.

Tislijiet

Raymond Zammit
Segretarju Ġenerali